**Laqgha Numru 01/K6/2011 – Laqgha urgenti**

**Introduzzjoni**

L-ewwel Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2011 li saret nhar l-Erbgha 5 ta’ Jannar 2011.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Lauro Fava u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet skuzata. **(Ara dokument A)**

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta’ qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fit-3 ta’ Jannar 2011. L-Agenda kienet:

**01. Approvazzjoni ta’ l-Estimi Finanzjarji 2011 u Business Plan 2011-2013.**

**02. Il-Hinijiet tax-xoghol tas-Segretarju Ezekuttiv u l-impjegati klerikali ghas-sena 2011.**

**03. Performance Bonus tas-Segretarju Ezekuttiv u l-impjegati klerikali.**

**04. Rizoluzzjoni specjali 06/2010 – Shades ma’ lampi tad-dawl.**

## 01. Approvazzjoni ta’ l-Estimi Finanzjarji 2011 u Business Plan 2011-2013.

1.01. Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta lill-Kunsill stimi ghall-Estimi Finanzjarji 2011 u stimi ghall-Business Plan 2011-2013. **(Ara dokument B, C, D u E)**

1.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni ta’ l-Estimi Finanzjarji ghas-sena 2011 kif sottomessi.

1.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.05. Il-Kunsillier Lauro Fava nforma lill-Kunsill li hija l-intenzjoni tieghu li f’wahda mill-laqghat li jmiss, ser iressaq proposta biex issir lista ta’ prijoritajiet tax-xoghol tal-Kunsill.

1.06. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Business Plan ghas-snin 2011-2013 kif sottomessi nkluz li sa qabel il-laqgha li jmiss huwa jkun baghat ir-rapport tieghu. Il-kelliem qal ukoll li r-rapport tieghu li jidhol f’pagna 2 tad-dokument ser jigi ccirkolat lill-Kunsilliera fil-jiem li gejja.

1.07. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.09. L-istess bhal qabel, il-Kunsillier Lauro Fava nforma lill-Kunsill li hija l-intenzjoni tieghu li f'wahda mill-laqghat li jmiss ser iressaq proposta biex issir lista ta' prijoritajiet tax-xoghol tal-Kunsill.

## 02. Il-Hinijiet tax-xoghol tas-Segretarju Ezekuttiv u l-impjegati klerikali ghas-sena 2011.

2.01. Is-Sindku Joe Zammit ipprezenta skeda tal-hinijiet ta' l-impjegati. **(Ara dokument F)**

2.02. Il-Kunsillier Lauro Fava qal li ma jarax li dan is-suggett huwa ta' urgenza.

2.03. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-agenda qed issir skond il-ligi u zied li m'hemm xejn kontra l-ligi fl-items li qed jigu diskussa.

***2.04. Fis-6.50 pm il-Kunsllier Lauro Fava talab li jigi skuzat minhabba li qal li ma jirrikonoxxix l-urgenza tas-suggetti li ghad fadal fuq l-agenda u konsegwentament irrimarka li huwa ma ridx li jkun parti u ghalhekk irrimarka li ma jirrikonoxxix decizjonijiet li jistghu jittiehdu.***

2.05. Qabel irtira l-Kunsillier Lauro Fava, is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsill huwa legalment kostitwit u jista' jiehu decizjonijiet u l-Kunsillier Lauro Fava ma jistax jghid li l-membri li jkun ghad hemm prezenti ma jistghux jiehdu decizjoni. Il-kelliem qal li l-kummenti tal-Kunsillier Fava huwa superflu.

2.06. Wara diskussjoni s-Sindku Joe Zammit ippropona li skond AL 127 ta' 1998 Artiklu 9 u Artiklu 14(4), kif ukoll wara konsultazzjoni u fuq rakkomandazzjoni tas-Segretarju Ezekuttiv, l-impjegati klerikali ta' l-ufficcju kif ukoll is-Segretarju Ezekuttiv ghandhom jahdmu skond il-hinijiet sottomessi. **(Ara dokument F)**

2.07. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

2.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 03. Performance Bonus tas-Segretarju Ezekuttiv u l-impjegati klerikali.

3.01. Is-Sindku Joe Zammit ipprezenta lill-Kunsill ir-rapport tal-Performance Bonus tas-Segretarju Ezekuttiv u l-iskrivani Alison Micallef u Kirsty Rizzo. **(Ara dokument G, H u I)**

3.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li s-Segretarju Ezekuttiv ghandu jinghata l-full 10% bhala Performance Bonus u ghalhekk id-Direttur Generali ghandu jigi mgharraf b'din id-decizjoni.

3.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

3.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.05. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-iskrivani Alison Micallef u Kirsty Rizzo jinghataw l-full 6% bhala Performance Bonus.

3.06. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

3.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04. Rizoluzzjoni specjali 06/2010 – Shades ma’ lampi tad-dawl.

4.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill ir-rizoluzzjoni specjali 06/2010. **(Ara dokument J)**

4.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tar-rizoluzzjoni specjali sabiex l-ewwel isir ilqugh mal-lampa li hemm mad-dar tal-Familja Salafia u wara l-Kunsill jaghmel spezzjoni u jekk isib li jkun ghad hemm inkonvenjent, jerga’ jiddiskuti l-Kunsill jekk isirx shade iehor mal-lampa li hemm mad-dar tal-Familja Cassar.

4.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

4.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.05. Is-Sindku Joe Zammit ghalaq il-laqgha fis-7.30pm wara li fakkar lill-Kunsilliera li l-laqgha li jmiss ser issir nhar l-Erbgha 19 ta’ Jannar 2011 fil-5.30pm.

Joe Zammit
***Sindku***

Kevin Borg
***Segretarju Ezekuttiv***